*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,505, 12 ta' Settembru, 2025*
*Taqsima B*

**A.L. 195 tal-2025**

## ATT DWAR DAZJU TAS-SISA
## (KAP. 382)

## Regolamenti tal-2025 li jemendaw il-Ħames u s-Sitt Skedi tal-Att dwar Dazju tas-Sisa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, il-Ministru responsabbli għad-dwana, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw il-Ħames u s-Sitt Skedi tal-Att dwar Dazju tas-Sisa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar Dazju tas-Sisa, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali". Kap. 382.

Iżid Skeda ġdida mal-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-Iskeda Ħamsa I tal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda l-Iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda Ħamsa J

**Prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx**

| | |
|---|---|
| Products intended for inhalation without combustion containing tobacco or reconstituted tobacco classified under HS Codes 2404110010 and 2404110090. | €140 per Kg |
| Products intended for inhalation without combustion containing tobacco substitutes classified under HS heading 2404191000. | €140 per Kg". |

Iżid Taqsima ġdida mal-Att prinċipali.

**3.** Minnufih wara t-Taqsima K tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA L

Regolamenti dwar prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:

Kap. 382.

"Att" tfisser l-Att dwar Dajzu tas-Sisa

"Direttiva 2014/40/UE" tfisser id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE;

"pakkett" tinkludi kwalunkwe ħaġa li tgeżwer, kartuna, kaxxa, landa, borża jew kontenitur ieħor li minnufih ġewwa fihom jingħalaq il-prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx;

"prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx" tfisser prodott tat-tabakk li ma jinvolvix proċess ta' kombustjoni, tinkludi prodotti tat-tabakk imsaħħan kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati u prodotti erbali li ma jinvolvux proċess ta' kombustjoni iżda teskludi t-tabakk tal-magħda, it-tabakk tal-imnieħer, jew tabakk għall-użu orali;

L.S. 315.10.

"sistema Track and Trace" tirreferi għas-sistema stabbilita skont id-Direttiva 2014/40/EU dwar traċċabilità ta' prodotti tat-tabakk, inkluż identifikaturi uniċi, karatteristiċi ta' sigurtà u mekkaniżmi ta' rappurtaġġ tad-data.

Għan.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx speċifikati bħala oġġetti tad-dazju tas-sisa skont l-Att.

Osservanza ġenerali.

4. Persuna ma għandhiex timmanifatura, tipproċessa jew tipprepara għall-bejgħ kwalunkwe prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx kemm-il darba ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Att.

Twaħħil tal-bolol tas-sisa.

5. (1) Il-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq kemm-il darba l-pakkett, il-kaxxa jew il-kontenitur tagħhom ma jkunux ġew issiġillati b'bolla tas-sisa b'tali mod li sabiex jinfetaħ tali pakkett, kaxxa jew kontenitur, il-bolla tas-sisa tinqered inevitabbilment.

(2) Tali bolol tas-sisa għandhom jinħarġu mill-Kummissarju bi ħlas, kif jista' jiġi preskritt skont l-Att, fuq talba tal-kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat jew merkant reġistrat.

(3) Il-bolla tas-sisa għandha titwaħħal mal-pakkett, mal-kaxxa jew mal-kontenitur sa mhux iktar tard minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol minn meta tinxtara, ħlief fil-każ ta' bolla tas-sisa li għandha titwaħħal minn kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat.

(4) (a) Merkant reġistrat li jonqos milli jwaħħal bolla tas-sisa fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol minn meta tinxtara, ħlief għal kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat, għandu jeħel meta jinstab ħati, multa ta' mitt euro (€100) u addizzjonalment il-Qorti għandha tordna wkoll il-konfiska tal-bolol tas-sisa li ma twaħħlux fit-terminu preskritt. B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx infushom għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.

(b) Fil-każ ta' ksur imsemmi fil-paragrafu (a), il-Kummissarju filwaqt li jikkonfiska l-bolol tas-sisa mhux imwaħħla fit-terminu preskritt jista', jekk min iwettaq ir-reat jammetti, ma jistitwixxix proċeduri skont dan l-Att u jimponi penali ekwivalenti għal mitt euro (€100). B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx infushom għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.

(5) (a) Kull kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat li joħroġ mill-maħżen tas-sisa awtorizzat prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx li fuqhom ma tkunx twaħħlet il-bolla tas-sisa skont il-liġi, għandu jeħel meta jinstab ħati, multa ta' mitt euro (€100) u addizzjonalment il-Qorti għandha tordna wkoll il-konfiska tal-bolol tas-sisa li kellhom jitwaħħlu ma' dawk l-oġġetti. B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx infushom għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.

(b) Fil-każ ta' ksur imsemmi fil-paragrafu (a), il-Kummissarju, filwaqt li jikkonfiska l-bolol tas-sisa li kellhom jitwaħħlu mal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx jista', jekk min ikun wettaq ir-reat jammetti, ma jistitwixxix proċeduri skont dan l-Att u jimponi penali ekwivalenti għal mitt euro (€100). B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx infushom għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.

(6) (a) Ħlief għal persuni awtorizzati, kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha bolol tas-sisa għandha teħel meta tinstab ħatja, multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u addizzjonalment il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' tali bolol tas-sisa li kellhom jiġu mwaħħla. B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx infushom għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.

(b) Fil-każ ta' ksur imsemmi fil-paragrafu (a), il-Kummissarju filwaqt li jikkonfiska l-bolol tas-sisa li baqgħu ma twaħħlux jista', jekk min ikun wettaq ir-reat jammetti, ma jistitwixxix proċeduri skont dan l-Att u jimponi penali ekwivalenti għal mitejn u ħamsin euro (€250). B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx infushom għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.

Żamma ta' prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx.

6. (a) Kwalunkwe kwantità ta' prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx li tinstab fil-pussess ta' kwalunkwe persuna bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5, għandha tiġi miżmuma u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29 tal-Att, u dan bla ħsara għal kwalunkwe piena oħra provduta taħt l-Att jew kwalunkwe liġi oħra.

(b) Kwalunkwe bolla tas-sisa li ma twaħħlitx fit-terminu preskritt skont il-liġi, kif applikabbli, u li tinstab fil-pussess ta' kwalunkwe persuna bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 għandha tinżamm u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27 sa 29 tal-Att għandhom japplikaw u dan bla ħsara għal kwalunkwe penali oħra provduta skont l-Att jew xi liġi oħra.

Konformità mas-sistema ta' Track and Trace.

7. (1) Kull manifattur, importatur, grossista, distributur u first retail outlet ta' prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx għandu japplika sabiex ikun reġistrat jew awtorizzat fis-sistema Track and Trace u kwalunkwe sistema anċillari u, jew addizzjonali u, jew aġġornata kif stabbilit mill-Unjoni Ewropea minn żmien għal żmien, u għandhom ikunu konformi mar-regoli u l-prattiċi kollha ta' tali sistema.

(2) Kull manifattur u importatur tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx għandu:

(a) ikun kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat li jopera minn maħżen tas-sisa awtorizzat jew ikun merkant reġistrat; u

(b) ikun debitament reġistrat fis-sistema Track and Trace; u

(ċ) jikkonforma mar-regoli u l-prattiċi kollha tal-imsemmija sistema Track and Trace System u kwalunkwe sistema anċillari u, jew addizzjonali u, jew aġġornata, kif tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien.

(3) In-nuqqas ta' registrazzjoni jew awtorizzazzjoni skont ir-subregolament (2) għandhom jitqiesu bħala ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Importaturi, grossisti u distributuri involuti fid-distrubuzzjoni tat-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx għandhom jesegwixxu l-proċeduri ta' skennjar tal-prodotti provduti fir-regolament 14(5) tar-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati. Kull prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx li jkun bi ksur ta' dawn ir-regolamenti għandu jitneħħa mid-distribuzzjoni ta' bejgħ bl-imnut.

L.S. 315.10.

(5) Kwalunkwe prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx li jinstabu fi stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut bi ksur tal-proċeduri tas-sistema Track and Trace għandhom jinżammu u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Att għandhom japplikaw.

(6) Kwalunkwe persuna li tonqos milli tiskennja l-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx skont il-proċeduri tas-sistema Track and Trace skont dawn ir-regolamenti, għandha teħel meta tinstab ħatja, multa ta' għaxar euro (€10.00) għal kull identifikatur uniku, liema piena fl-ebda każ ma tista' tkun inqas minn mitt euro (€100). B'żieda mal-piena imposta l-Qorti għandha tordna l-konfiska tal-prodotti tat-tabakk:

Iżda għal finijiet ta' dan is-subregolament il-kliem "kwalunkwe persuna" għandhom jeskludu operaturi u, jew detenturi ta' liċenzja ta' stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut.

(7) Fil-każ ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti mwettaq minn kwalunkwe persuna, il-Kummissarju jista', jekk min ikun wettaq ir-reat jammetti, ma jistitwixxix proċeduri skont dan l-Att, jirrilaxxja l-oġġetti, u f'kaz ta' prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx li għalkemm jiksru il-proċeduri fir-rigward tal-katina tal-provvista, iżda jkunu konformi mar-regolament 14(2) tar-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati, jimponi penali ta' tliet euro u ħamsin ċenteżmu (€3.50) għal kull identifikatur uniku, liema penali ma tistax tkun inqas minn ħamsa u tletin euro (€35):

L.S.315.10.

Iżda r-rilaxx tal-oġġetti għandu jkun soġġett għar-registrazzjoni tal-oġġetti skont dawn ir-regolamenti u skont ir-regolament 14(5) tar-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati: L.S. 315.10.

Iżda wkoll jekk jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, ma għandux ikun hemm sospensjoni tal-liċenzja:

Iżda wkoll għal finijiet ta' dan is-subregolament il-kliem "kwalunke persuna" għandhom jeskludu operaturi u, jew detenturi ta' liċenzja ta' stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut:

Iżda wkoll prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx erbali, kif imfissra fir-regolament 2, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti tas-sistema Track and Trace stabbilita fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/40/EU.

Ħlas ta' dazju tas-sisa.

8. Id-dazju tas-sisa fuq prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx hu dovut meta dawn ikunu offruti għal konsum mill-kustodju tal-maħżen tas-sisa awtorizzat sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15)-il jum tax-xahar ta' wara skont ir-rata tal-Iskeda Ħamsa J wara s-sottomissjoni lill-Kummissajru tad-dikjarazzjoni msemmija fir-regolament 9.

Żamma tar-records.

9. (1) Il-kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx għandu jissottometti lill-Kummissarju dikjarazzjoni fir-rigward tal-produzzjoni ta' kull prodott, matul tali perjodu ta' kontabilità kif il-Kummissarju jista' jistabbilixxi jew jippermetti, li tindika s-segwenti:

(a) il-piż ta' tabakk tal-werqa, ta' sostituti tat-tabakk u ta' tabakk importat imqatta' jew imqatta' u mħallat iżda mhux manifatturat ulterjorment, li huwa jkollu fl-ewwel jum ta' tali perjodu f'xi maħżen tas-sisa awtorizzat reġistrat f'ismu;

(b) il-piż ta' kwalunkwe prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx minnu akkwistat matul tali perjodu, billi jiddikjara minn fejn ikun akkwistah;

(ċ) il-piż ta' kwalunkwe prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx mibjugħa jew b'mod ieħor imneħħija matul tali perjodu u lil min inbiegħu jew għand min ġew trasferiti;

(d) il-piz ta' kull prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx minnu manifatturat matul kull tali perjodu; u

(e) il-piż ta' fdalijiet li jirriżultaw mill-manifattura ta' kull prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx matul kull tali perjodu ġewwa maħżen tas-sisa awtorizzat reġistrat f'ismu.

(2) Tali dikjarazzjoni għandha tingħata lill-Kummissarju mhux iktar tard mill-ħmistax (15)-il jum tax-xahar minnufih wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' kontabilità msemmi fis-subregolament (1) u għandha tinkludi t-tagħrif li jkun meħtieġ skont dawn ir-regolamenti.

(3) Kwalunkwe persuna li tonqos milli tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandha teħel meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).

Restrizzjonijiet għall-bejgħ bl-imnut.

10. Persuna ma għandhiex takkwista, tipposjedi jew tbiegh prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx mingħajr bolol tas-sisa applikabbli jew identifikaturi uniċi Track and Trace.